**13 ta' Novembru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Raymond Cosaitis

**Ordinanza tad-Dwana - Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni**

**(Kap. 337)**

*Jekk persuna, kif appena ssir taf li oġġetti li jinsabu fil-pussess tagħha ma jkunx tħallas dazju fuqhom, jew immedjatament qabel ma tiġi fil-pussess ta' dawk l-oġġetti, spontanjament tieħu l-passi kollha raġonevoli u neċessarji sabiex tinforma lill-awtoritajiet doganali b'dawk l-oġġetti u dan sabiex il-ħlas tad-dazju jkun jista' jiġi żgurat jew l-oġġett jiġi kkonfiskat mill-istess awtoritajiet, dik il-persuna ma tinkorrix fir-reat ikkontemplati fil-paragrafi (f) u (ġ) ta' l-artikolu 62 tal-Kap. 37.*

*L-artikolu 60 (j) tal-Kap. 37 abbinat ma' l-artikolu 17 (2) (d) (ii) tal-Kap. 337 hu ċar fil-portata tiegħu: jekk oġġett li jkun ġie importat temporanjament f'Malta bil-kundizzjoni li jerġa' jinħareġ minn Malta sa data partikolari, ma jiġix esportat mill-ġdid sa dik id-data, dak l-oġġett ikun suġġett għall-konfiska bla ħsara għal xi obbligu għall-ħlas ta' dazju dovut, u dan indipendentement minn xi responsabbilità penali li jista' jkun hemm skond l-artikolu 62 tal-Kap. 37.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Raymond Cosaitis talli:

F'dawn il-Gżejjer matul ix-xahrejn qabel l-1 ta' Ġunju, 1994, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat u ċjoè karozza ta' l-għamla Mercedes 300 SL bin-numru tar-reġistrazzjoni BS E37664 li l-valur tagħha jiskorri l-elf lira Maltija (Lm1,000), sew jekk dan ir-reat sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħha jew imexxiha;

Talli fl-istess perijodu ta' żmien għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra

ffalsifikati;

Talli matul ix-xhur qabel l-1 ta' Ġunju, 1994, f'Malta, mingħajr il-permess tal-Ministru, għamel ħlas ta' somma ta' flus fl-ammont ta' sebat elef u ħames mitt lira Maltija (Lm7,500) lil jew favur persuna mhux residenti u ċjoè lil Fausto Battini persuna ta' nazzjonalità barranija bi ksur ta' l-artikolu 8 subartikolu (a) tal-Kap. 233 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talli f'dawn il-Gżejjer fix-xhur qabel l-1 ta' Ġunju, 1994, irrenda ruħu kompliċi fir-reat ta' esportazzjoni barra minn Malta ta' xi biljetti ta' flus jew muniti li huma valuta legali f'Malta billi b'xi mod li jkun, xjentement għen jew assista lill-awtur jew lill-awturi ta' dan ir-reat u ċjoè lil Fausto Battini, persuna ta' nazzjonalità barranija, fl-atti li bihom ir-reat ġie ppreparat jew ikkunsmat;

F'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fl-1 ta' Ġunju, 1994, instab fil-pussess tiegħu u/jew taħt il-kontroll tiegħu karozza tal-marka Mercedes li għandha r-reġistrazzjoni tagħha b'numri barranin, liema numri huma BS E37664 liema karozza ġiet importata minn Battini Fausto fit-12 ta' April, 1994, fuq bażi ta' importazzjoni temporanja b'kundizzjoni li kellha terġa' tiġi ri-esportata mhux aktar tard mis-27 ta' April, 1994, liema kundizzjoni ma ġietx onorata, peress li l-karozza in kwistjoni nstabet fil-pussess u/jew taħt il-kontroll ta' l-imsemmi Raymond Cosaitis mill-uffiċjali tal-pulizija, b'valur ta' tmintax-il elf u seba' mitt lira (Lm18,700) dazju erbat elef, mija u erbatax-il lira Maltija (Lm4,114), liema dazju ma ġiex imħallas u/jew ikkawtelat u dan bi ksur ta' l-artikolu 60 (a), (b), (e), (i), (j) u (k) kif ukoll ta' l-artikolu 62 (a), (b), (f), (ġ), (ħ), (i), (k) u (n) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta, barra minn dan ai termini tal-proviso ta' l-artikolu 62 tal-Kap. 37, il-Qorti ġiet mitluba ukoll, meta jinstab ħati, li terz tal-piena

ta' flus jitqies bħala dejn ċivili u jiġi ddikjarat mill-Qorti kompetenti fl-għoti tas-sentenza li hu dovut u li għandu jitħallas lill-Gvern u għandu jiġi esegwit fl-istess Qorti li tagħti s-sentenza bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'azzjoni ċivili magħmula bejn il-Gvern u l-ħati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta' April, 1996, li permezz tagħha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Raymond Cosaitis mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u ordnat illi l-vettura meritu ta' dan il-każ, senjatament il-vettura tal-marka Mercedes bin-numru tar-reġistrazzjoni BS E37664 tiġi kkonfiskata favur il-Gvern ta' Malta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali minnu ppreżentata fid-29 ta' April, 1996, li permezz tiegħu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Raymond Cosaitis, minnu ppreżentat fis-6 ta' Mejju, 1996, li permezz tiegħu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

B'din is-sentenza, din il-Qorti ser tiddisponi miż-żewġ appelli. Ser tibda l-ewwel billi tikkunsidra l-appell ta' l-Avukat Ġenerali;

*L-Avukat Ġenerali qed jappella peress ili, kif jgħid fir-*rikors tiegħu, "l-Ewwel Qorti, nonostante li l-elementi tar-reati kollha dedotti kontra l-imputat appellat ġew ippruvati fil-grad li trid il-liġi, erronjament għaddiet biex tinjora dawk il-fatti u tillibera lill-imputat appellat". La fir-rikors tiegħu, iżda, u anqas fil-kors tat-trattazzjoni orali, ma nġibu raġunijiet konkreti mill-

appellant Avukat Ġenerali sabiex jikkonvinċi lil din il-Qorti tiddipartixxi mill-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti. L-Ewwel Qorti, bażikament, aċċettat bħala veritiera l-versjoni ta' l-avvenimenti mogħtija mill-imputat Cosaitis meta dana xehed quddiemha, u ċjoè *li l-vettura kienet inxtrat mhux minnu iżda* minn Winston Carbone, li dan Winston Carbone kien talbu biex jagħmel il-verifiki ma' tad-Dwana biex jara kif il-karozza tista' tiġi rreġistrata bħala *duty free*, li in segwitu Carbone ġieh suspett li l-vettura setgħet kienet misruqa u l-imputat Cosaitis ipprova jirvverifika anke ma' tad-Dwana f'dan ir-rigward; li għalkemm tad-Dwana kienu qalulu li ma kellhom ebda indikazzjoni li l-vettura kienet misruqa, Carbone ddeċida li jeħles minn din il-vettura u biegħha lill-imputat; u li l-imputat ġie fil-pussess materjali tal-vettura biss ġurnata jew tnejn qabel ma tad-Dwana, bi ftehim ma' l-istess imputat, issiġillaw din il-vettura għand l-imputat. Dak li jispikka f'din l-istorja kollha hu l-fatt li l-imputat Cosaitis (appellat u appellant f'din l-istanza) kien mar diversi drabi għand tad-Dwana u kien prattikament fi trattativi magħhom dwar kif seta' jirregolarizza l-posizzjoni tal-vettura in kwistjoni għal dak li għandu x'jaqsam ma' ħlas ta' dazju. Bid-deċiżjoni tagħha l-Ewwel Qorti effettivament ikkonkludiet *li* anke dak *li* hemm iddikjarat fl-iskrittura privata ta' l-20 ta' Mejju, 1994 (fol. 154) (u ċjoè li l-vettura kienet ġiet materjalment ikkonsenjata lil Cosaitis fit-22 ta' April, 1994) ma kienx minnu. Din il-Qorti, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u b'mod partikolari ta' l-involviment ta' Winston Carbone (li għażel li ma jixhedx f'dawn il-proċeduri minħabba li seta' jinkrimina ruħu), hi propensa li tikkondividi din il-fehma, fis-sens li tara din l-iskrittura privata bħala parti mit-taħwid li ħawwad dan Winston Carbone biex dejjem jipprova jiddiskatta ruħu mill-vettura u mix-xiri tagħha;

B'mod partikolari għall-imputazzjonijiet kif miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva, ma hemm ebda prova sodisfaċenti li l-appellat Cosaitis <u>kien jaf</u>, fil-mument li laqa' għandu jew xtara

l-vettura in kwistjoni, li din kienet b'xi mod ta' provenjenza illeċita. Pjuttost, anzi, meta Carbone qallu jagħmel il-verifiki tiegħu ma' tad-Dwana u talabhom jivverifikaw huma stess, u in segwitu qagħad fuq dak li qalulu l-istess uffiċjali tad-Dwana fis-sens li ma kienx hemm inkwiet fuq il-vettura (ara d-deposizzjoni ta' l-appellat, partikolarment a fol. 333 sa 336);

It-tieni imputazzjoni ma tispeċifikax liema huwa d-dokument iffalsifikat jew li sar użu xjenti minnu. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju a fol. 218, l-Avukat Ġenerali jindika l-artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali. Dana l-*artikolu, iżda, jirreferi* għal diversi artikoli preċedenti fl-istess sub-titolu, u ebda wieħed minn dawn l-artikoli l-oħra ma ġie speċifikatament indikat mill-imsemmi Avukat Ġenerali. Mir-rikors ta' appell tiegħu, iżda, l-Avukat Ġenerali jidher li qed jillimita u jarġina din l-imputazzjoni għas-*safe custody form* esebita a fol. *38 ta' l-*atti ta ' l-istruttorja. Infatti fir-rikors tiegħu l-Avukat Ġenerali jgħid hekk:

"Dwar l-akkuża tal-falsifikazzjoni irriżulta li l-appellat mela *safe custody form* fid-Dipartiment tad-Dwana meta huwa kien jaf li Battini kien diġà telaq minn Malta u allura kien fl-impossibilità li jawtorizzah li jżommlu l-vettura in diżamina";

Dwar din il-formola, però, għandu jiġi osservat is-segwenti. L-ewwelnett, din imtliet mill-appellat <u>fuq suġġeriment ta' l-istess Dipartiment tad-Dwana</u> (ara d-deposizzjoni ta' Carlo Xuereb, fol. *89, u dik ta' l-appellat, fol.* 345), u ġiet aċċettata mill-istess Dipartiment sempliċement bħala dikjarazzjoni da parti ta' l-appellat li hu kien qed jassumi r-responsabbilità tal-vettura (ara Xuereb, fol. 91, u Julian Bezzina, fol. 123). F'din il-formola, il-kaxxa fejn suppost li jiffirma l-importatur tal-vettura - *f'dan il-każ Fausto Battini* - <u>baqgħet kompletament vojta</u>. Fi kliem ieħor, l-appellat ma

pprova b'ebda mod jiffalsifika l-firma ta' dan Battini, u għalhekk ma jistax jingħad li fuq din il-formola, fil-parti li suppost timtela' mill-importatur, hemm xi dikjarazzjoni allegatament ta' Fausto Battini. Għalhekk proprjament f'dan id-dokument, fin-nuqqas manifest tal-firma ta' Battini u tenut kont ta' l-iskop preċiż u limitat li għalih imtliet l-istess formola, la jista' jingħad li hemm falsità materjali u anqas falsità ideoloġika. B'dak id-dokument li mela l-appellat hu qiegħed in effetti jgħid li l-importatur tal-vettura kien Fausto Battini - fatt li huwa veru - u li hu (Cosaitis) qiegħed issa jassumi r-responsabbilità tal-vettura fl-assenza ta' l-istess Battini. Għalhekk f'dan kollu din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, ma tirravviża ebda falsifikazzjoni;

Kwantu għar-reati ta' ksur tal-liġi tal-kambju (it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet), l-Ewwel Qorti kienet sodisfatta li l-bejgħ u xiri oriġinali tal-vettura sar minn Winston Carbone, u għalhekk jekk kien hemm xi ħlas magħmul lil Fausto Battini, dan ma sarx mill-appellat Cosaitis. Din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha tiddisturba dik il-konklużjoni;

Kwantu għas-sitt imputazzjoni - dik li tipotizza reat jew reati taħt l-Ordinanza tad-Dwana - għalkemm fl-imputazzjoni kif ukoll fil-*letter to prosecute* (fol. 5) hemm indikati diversi paragrafi ta' l-artikolu 62, il-paragrafi li jidher li huma relevanti għall-każ in diżamina huma l-paragrafi (f) u (ġ). Kif ġie mfisser minn din il-Qorti fis-sentenzi tagħha tat-12 ta' Settembru, 1996 u 15 ta' Novembru, 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Raymond Buhagiar** u **Il-Pulizija *vs* Carmel Sultana**, rispettivament, jekk persuna, kif appena ssir taf li oġġetti li jinsabu fil-pussess tagħha ma jkunx tħallas dazju fuqhom, jew immedjatament qabel ma tiġi fil-pussess ta' dawk l-oġġetti, spontanjament tieħu l-passi kollha raġonevoli u neċessarji sabiex tinforma lill-awtoritajiet doganali b'dawk l-oġġetti u dan sabiex il-ħlas tad-dazju jkun jista' jiġi żgurat jew l-oġġett jiġi kkonfiskat mill-

istess awtoritajiet, dik il-persuna ma tinkorrix fir-reati kkontemplati fil-paragrafi (f) u (ġ) ta' l-artikolu 62 tal-Kap. 37. Fil-każ in diżamina, jidher li kien l-appellat stess li, sakemm il-vettura kienet għadha għand Carbone, mar għand tad-Dwana l-ewwel biex jara kif din tista' tiġi rreġistrata bħala *duty free* u mbagħad biex jivverifika li ma kienx hemm problemi dwarha. Kien fuq parir ta' l-istess Dipartiment tad-Dwana li l-appellat Cosaitis mela s-*safe custody form* bħala forma ta' dikjarazzjoni li hu kien qed jassumi r-responsabbilità tal-vettura, u kien f'dawk l-istess ġranet li hu ġie materjalment fil-pussess tal-vettura wara li kien diġà ftiehem li kellha tiġi ssiġillata għandu mill-uffiċjali tad-dwana. Fi kliem l-appellat:

"Jien lis-Sur Bezzina (uffiċjal tad-dwana) għidtlu jew inġiblu l-karozza biex iżommha taħt l-awtorità tad-dwana, peress illi jien kont diġà niżżilt ismi fuq il-*file* u jekk kien ser ikun hemm xi intopp jien ma ridtx nidħol fiha għaliex jien qatt ma kelli inkwiet speċjalment mal-*Customs*. Is-Sur Bezzina qalli li l-aħjar ħaġa li setgħu jagħmlu kien li jiġu d-dar tiegħi u jissiġillaw il-karozza. Fil-fatt niżżilna l-karozza d-dar għandi peress illi kienet għand Winston, il-garaxx. Kien niżżilha l-istess Winston Carbone. Ġew il-*Customs* u ssiġillawha" (fol. 344-335);

Għalhekk jidher li ġà qabel ma l-appellat ġie fil-pussess tal-vettura, hu kien diġà ħa l-miżuri kollha meħtieġa sabiex eventwalment jitħallas id-dazju u fin-nuqqas ta' ħlas tad-dazju, sabiex dik il-vettura tibqa' a disposizzjoni ta' l-awtoritajiet doganali. Għalhekk ma jidhirx li għandu jkun hemm responsabilità penali taħt il-paragrafi (f) u (ġ) imsemmija;

Ser jiġi kkunsidrat issa l-appell ta' Raymond Cosaitis. Bażikament l-appellant jikkontendi li ġaladarba hu ma nstab ħati ta' ebda reat, l-Ewwel Qorti ma setgħetx tordna li l-vettura

in kwistjoni tiġi kkonfiskata favur il-Gvern. Jgħid ukoll l-appellant li l-konfiska kienet se mai applikabbli jekk id-dazju ma jkunx ġie mallas jew ma jkunx ġie kkawtelat. L-appellant jikkontendi in effetti li malli l-vettura ġiet issiġillata, il-vettura ġiet fil-"kustodja kostruttiva" tad-Dwana b'tali mod li l-ħlas tad-dazju kien ġie kkawtelat. Dak li l-appellant, però, qed jinjora hu li l-artikolu 60 ta' l-Ordinanza tad-Dwana jipprospetta diversi ipotesijiet meta oġġett jiġi kkonfiskat *ex lege*. Fil-*letter to prosecute* tal-Kontrollur tad-Dwana, fl-imputazzjoni tal-Pulizija, kif ukoll fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali hemm indikati l-paragrafi (a), (b), (e), (i), (j) u (k) ta' l-imsemmi artikolu 60. Il-ħlas jew ikkawtelar tad-dazju jissemma' biss fil-paragrafu (a). Il-paragrafu (j), abbinat kif inhu ma' l-artikolu 17 (2) (d) (ii) ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni (Kap. 337), hu ċar fil-portata tiegħu: jekk oġġett, bħall-vettura in diżamina, li jkun ġie importat temporanjament f'Malta bil-kundizzjoni li jerġa' jinħareġ minn Malta sa data partikolari, jekk l-oġġett ma jiġix esportat mill-ġdid sa dik id-data, dak l-oġġett ikun suġġett għall-konfiska bla ħsara għal xi obbligu għall-ħlas ta' dazju dovut, u dan indipendentement minn xi responsabbilità penali li jista' jkun hemm skond l-artikolu 62 tal-Kap. 37. Fil-każ odjern, jirriżulta li Battini, skond it-*temporary import permit*, li ngħatalu (fol. 37), kellu jerġa' joħroġ il-vettura sas-27 ta' April, 1994. Minflok ma għamel hekk, hu biegħ il-vettura lil Winston Carbone fil-21 ta' April, 1994 u l-istess vettura baqgħet Malta wara s-27 ta' April, 1994. Għalhekk il-vettura kienet ikkonfiskata skond il-liġi - u senjatament skond l-artikolu 60 (j) tal-Kap. 37 - qabel ma l-appellant Cosaitis daħal fix-xena. Qabel ma kkommetta ruħu finanzjarjament fil-konfront ta' din il-vettura l-appellant kellu jara l-posizzjoni legali mill-aspetti kollha tagħha, u mhux sempliċement mill-aspett ta' eventwali ħlas ta' dazju;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tiċħad iż-żewġ appelli,

ċjoè kemm dak ta' l-Avukat Ġenerali kif ukoll dak ta' Raymond Cosaitis, u tikkonferma s-sentenza appellata.